32005D0508

16.7.2005 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA* L 185/31

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-12 ta' Lulju 2005

## taħtar membru tar-Renju Unit fil-Kumitat tar-Reġjuni

(2005/508/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 263 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern tar-Renju Unit,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Jannar 2002 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2002/60/KE ([1]) li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2002 sal-25 ta' Jannar 2006.

(2) Post ta' membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sar vakanti wara l-mewt tas-Sur Brian SMITH,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Is-Sur William John WILLIAMS, Kunsillier, Cyngor Sir Ynys Môn, huwa b'din maħtur membru tal-Kumitat tar-Reġjuni minflok is-Sur Brian SMITH għall-bqija tal-mandat tiegħu li jintemm fil-25 ta' Jannar 2006.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tidħol b'effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Magħmula fi Brussell, 12 ta' Lulju 2005.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
G. BROWN

([1]) ĠU L 24, 26.1.2002, p. 38.